**2 ta' Marzu, 1988**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Borg Costanzi LL.D.**

Paul Saliba

*versus*

*Land Valuation Officer*

**Dekontroll – Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll Dwar id-Djar**

*L-attur ippremetta illi huwa xtara fond u bi żball fil-kuntratt ta' l-akkwist ġew indikati numri li ma kinux korretti. L-attur iddekontrolla l-fond bin-numri żbaljati u meta nduna bl-iżball ħa ħsieb jersaq għall-kutnratt korrettorju. Talab għalhekk illi jiġi korrett iċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni tad-Dekontroll.*

*Il-Qorti rriteniet illi ċ-Ċertifikat ta' Dekontroll kien ħareġ korrettement u konsegwentement ma setgħetx tingħata korrezzjoni. Min-naħa l-oħra l-Qorti ddikjarat illi ċ-Ċertifikat kif maħruġ kien fil-verità jirreferi għall-fond proprjetà ta' l-attur.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata fil-11 ta' Frar, 1976, li biha Paul Saliba, wara li ppremetta illi huwa xtara l-fond 95 u 96 Triq San Girgor, Żejtun, b'kuntratt tat-12 ta' Frar, 1975 però bi żball fuq dak il-kuntratt in-numru tal-fond mixtri ġie indikat bħala 94 u 95 fl-istess triq (Dokument A);

Illi eżattament wara l-kuntratt fuq imsemmi l-attur applika, sabiex jiddekontrolla l-istess dar u t-talba tiegħu ġiet milqugħa u ġie dekontrollat il-fond 94 u 95 Triq San Girgor, Żejtun (Dokument B);

Illi l-attur induna li n-numri tal-post kienu żbaljati u ċjoè kellhom jiġu 95 u 96 Triq San Girgor, Żejtun u għalhekk sar il-kuntratt korrettorju tas-7 ta' Awissu, 1975 (Dokument Ċ);

Illi l-attur jixtieq li jiġi korrett ukoll iċ-ċertifikat tad-dekontroll fuq riferit;

Talab li l-*Land Valuation Officer,* il-konvenut, jiġi awtorizzat minn din il-Qorti sabiex jikkoreġi d-dekontroll fuq riferit *(sic)* billi jitbiddlu n-numri minn 94 u 95 Triq San Girgor, Żejtun, għal 95 u 96 ta' l-istess Triq bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ipprezentata fl-1 ta' April, 1976, li fiha l-konvenut *Land Valuation Officer* qal:

''Illi fir-Reġistru Elettorali ta' l-1959 ippubblikat fil-31 ta' Ottubru, 1959 jirriżulta li fil-fond numru 96 Triq San Girgor, Żejtun kien joqgħod ċertu Joseph Barbara u għalhekk, in kwantu għal dan il-fond ma jistax jinħareġ ċertifikat ta' dekontroll kif qed jitlob l-attur;

In kwantu għal fond 95 fi Triq San Girgor, Żejtun, il-konvenut jirrimetti ruħu għall-provi prodotti waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u fosthom li Carmela u Salvatore Abela, bħala s-sidien kienu joqogħdu f'dak il-fond bejn l-1 ta' Marzu u l-10 ta' April 1959 kif hu rikjest mil-liġi;

Salvi eċċezzjoniiet ulterjuri f'każ ta' bżonn'';

Rat it-trattazzjoni tax-xiehda mismugħa mill-Qorti diversament presjeduta;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet lill-Avukati Joseph Buttigieg u Tonio Mizzi għall-attur u l-Avukat Silvio Camilleri għall-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi fid-19 ta' Frar, 1975, il-ġurnata li fiha l-fond konsistenti f'dar u rimessa, imsemmi fiċ-ċitazzjoni, li qabel kien iġib in-numri 90 u 91 Triq San Girgor, iż-Żejtun kien ġie rreġistrat mill-*Land Valuation Officer* bħala dar dekontrollata taħt l-artikolu 3(d) tal-*Housing (Decontrol) Act, 1959,* l-attur ma kienx għadu sar jaf li n-numri tal-fond kienu 95 u 96 u mhux 94 u 95 rispettivament, kif kienu ġew imnizzlin fil-kuntratt tax-xiri minnu tat-12 ta' Frar, 1975. Wara li sar jaf b'dan, l-attur, fis-7 ta' Awissu, 1975, ħa ħsieb li jersaq għall-kuntratt korrettarju fejn fih in-numri tal-fond ġew indikati 95 u 96, liema numri kienu fil-fatt in-numri li dik in-nhar stess ta' l-ewwel kuntratt kellu l-fond;

Din l-informazzjoni ovvjament ma nġibitx a debita

konjizzjoni tal-*Land Valuation Officer* fil-ħin u minħabba f'hekk ir-reġistrazzjoni saret kif saret, u ċ-ċertifikat tad-dekontroll tal-fond ħareġ kif ħareġ; – però dejjem konformament ma' l-istess informazzjoni mogħtija mill-attur li kien talab il-ħruġ tiegħu. Għalhekk taħt dana l-aspett ma jistax jitqies illi dik ir-reġistrazzjoni u dak iċ-ċertifikat ħarġu żbaljati. Kwindi t-talba ta' l-attur kif ifformulata ma tistax tiġi milqugħa (apparti wkoll il-fatt illi korrezzjoni għal dak l-att, għal raġunijiet oħra, ma tistax issir);

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi miġjuba, mill-banda l-oħra joħroġ, illi kien il-fond mixtri mill-attur bl-att tat-12 ta' Frar, 1975, ippubblikat min-Nutar Dottor Francis Micallef li huwa ried li jiġi rreġistrat bħala wieħed dekontrollat. Joħroġ ukoll illi kien **dak il-fond** li kien ġie rreġistrat bħala dekontrollat u illi ċ-ċertifikat ta' dekontroll għal **dak l-istess fond** jirriferixxi;

għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-kawża billi tiddikjara illi r-reġistrazzjoni ta' dekontroll magħmula mill-konvenut *Land Valuation Officer* taħt l-artikolu 3(d) tal-*Housing (Decontrol) Ordinance, 1959,* fis-19 ta' Frar, 1975, u li għaliha inħareġ iċ-ċertifikat ta' l-istess konvenut fid-9 ta' Ottubru, 1975, (Dok. B a fol. 7 tal-proċess), fil-verità tirriferixxi għall-fond ta' proprjetà ta' l-attur, li dik in-nhar tar-reġistrazzjoni kien iġib in-numri ħamsa u disgħin u sitta u disgħin, Triq San Girgor, iż-Żejtun; tordna li s-sunt ta' dina s-sentenza jiġi nserit fid-dokumentazzjoni relattiva għar-reġistrazzjoni msemmija, u, salv dak appena deċiż, tiċħad it-talba attriċi kif ifformulata;

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.